Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 12

Il-Ħamis 6 ta' Frar 2020

Il-Kunsilli Lokali Marsaxlokk iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu, li jinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk - fl-4:00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

| | | |
|---|---|---|
| Steven Grech | – | Sindku |
| Elenia Desira | – | Viċi Sindku |
| Janice Chetcuti | – | Kunsillier |
| Daniel Zerafa | – | Kunsillier |
| Stephen Caruana | – | Kunsillier |

UFFIĊJAL PREŻENTI:

| | | |
|---|---|---|
| Jordy Brincat | – | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

| | |
|---|---|
| 12.1 | Qari ta' ittri ta' apoloġiji |
| 12.1.1 | Xejn |
| 12.2 | Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti |
| 12.2.1 | Kopja tal-minuti tas-seduta preċedenti numru 11, tqassmu lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u għaldaqstant il-minuti ta' dawn il-laqgħat ittieħdu bħala moqrija. Il-Kunsillier Daniel Zerafa staqsa dwar il-billboard ta' Triq iż-Żejtun u fejn wasalna fuq il-binja tal-berġa l-ġdida. Il-Viċi Sindku qalet li mill-informazzjoni li għanda hi jidher li qegħdin fil-fażi li d-diskussjonijiet jiġu kkonklużi bejn min hu kkonċernat. |
| 12.2.2 | Dr.Janice Chetcuti ipproponiet, u s-Sur Steven Grech issekonda bħala koretti, il-minuti tas-seduta preċedenti numru 11, u ġew approvati b'votazzjoni unanima fost dawk preżenti. |
| 12.3 | Komunikazzjonijiet mis-Sindku |
| 12.3.1 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera preżenti li fid-9 ta` Jannar saret laqgħa bejn is-Sindku u d-Deputat Segretarju Eżekuttiv, flimkien mal-ħaddiem assenjat li jkun assenjat mal-latrini. Dan sabiex tigi irrangata s-sitwazzjoni li kien hemm u wkoll jiġu diskussi d-diversi lmenti li kien hemm. |
| 12.3.2 | Is-Sindku qal li fil-15 ta` Jannar saret laqgħa mal- Avukat mqabbad minnu rigward l-ittri li l-Kunsill irċieva l-Kunsill Lokali mingħand l-ERA dwar qtugħ ta' siġar b'mod illegali. Dan l-Avukat ser jieħu ħsieb li jirispondi għal dawn l-ittri. |
| 12.3.3 | Is-Sindku semma li fl-20 ta` Jannar saret laqgħa bejn is Sindku u d-Deputat Segretarju Eżekuttiv flimkien ma' rappreżentanti minn Ambjent Malta rigward tħawwil ta' diversi siġar u pjanti f'żoni partikolari. Tkellimna magħhom fuq *upgrade* tac-*Central Strip* ta' quddiem il-binja tal-Kunsill. Fl-istess laqgħa żorna l-pjazza ewlenija u tlabna pariri tagħhom sabiex nirrangaw il-qsari li hemm u wkoll li nżidu magħhom f'Xatt is-Sajjieda . Żorna Triq il-Kavallerizza fejn urejna x-xewqa li nagħmlu *park* żgħir. Il-fondi li hemm allokati se jintnefqu fic-*Central Strip* ta' ħdejn il-Kunsill u fuq il-qsari ta' Xatt is-Sajjieda. Jekk dawn il-fondi ma jiġux utilizzati kollha, jkunu jistgħu jitfaddlu ħalli nagħmlu dan il-*park* żgħir fi Triq il-Kavalarizza. Staqsejna dwar il-possibilità li nkunu nistgħu nġibu aktar fondi għas-sena dieħla sabiex inkomplu nsebbħu lil Marsaxlokk. |
| 12.3.4 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li fl-20 ta Jannar wkoll saret laqgħa bejn is-Sindku u d-Deputat Segretarju Eżekuttiv ma' rappreżentanta mill-*Life Long Learning* sabiex naraw x'korsijiet ta' taħriġ jistgħu jsiru fiċ-Ċentru Edukattiv,u li dawn jibdew minn Ottubru 2020. |
| 12.3.5 | Is-Sindku, flimkien mad-Deputat Segretarju Eżekuttiv fl-20 ta' Jannar iltqajna ma' kumpanija li taħdem il-films. Dawn jixtiequ li fis-7 ta' Frar jinħadmu xeni ta' film f'Marsaxlokk. Saru diversi arranġamenti sabiex dakinhar jkunu jistgħu jinħadmu dawn ix-xeni. |
| 12.3.6 | Fit-23 ta' Jannar saret laqgħa bejn is-Sindku u d-Deputat Segretarju Eżekuttiv flimkien mal-Perit tal-Kunsill Lokali. Tkellimna fost l-oħrajn sabiex issir pjanta għall-*upgrade* tac-*central strip* u fuq il- |

| | |
|---|---|
| | permessi neċessarji sabiex din tigi ristrutturata. Is-Sindku talbu wkoll sabiex jagħmel disinn ta' pjanta għall-binja ġdida tal-Kunsill fl-iskola primarja (naħa taċ-Ċentru Edukattiv). Is-Sindku qal li dan id-disinn wasal u li qed jippreżentah hekk kif proposta mill-Perit. Wara diskussjoni twila bejn dawk preżenti, Dr.Janice Chetcuti qalet li hi qed toġġezzjona li ssir din il-binja f'parti mill-art tal-iskola minħabba li l-istudenti li jattendu l-iskola ħa nnaqsulom mill-ambjent naturali. Hi qed toġġezzjona wkoll li din il-binja ssir fuq kwalinkwe *green area* oħra. Għalhekk is-Sindku talab sabiex jittieħed vot dwar jekk il-Kunsill favur jew kontra li din il-binja tiġi f'din il-parti tal-iskola.<br><br>Il-voti kienu hekk:<br><br>*Favur:* Steven Grech / Daniel Zerafa / Stephen Caruana<br>*Kontra:* Elenia Desira / Dr.Janice Chetuti<br><br>Il-vot għadda 3 favur u 2 kontra u għalhekk is-Sindku se jkompli jaħdem sabiex il-binja l-ġdida tal-Kunsill issir fil-parti proposta (naħa taċ-Ċentru Edukattiv) fl-iskola. |
| 12.3.7 | Is-Sindku flimkien mal-Kunsilliera Dr.Janice Chetcuti u Stephen Caruana u kif ukoll id-Deputat Segretarju Eżekuttiv u l-Uffiċjal Eżekuttiv, fit-23 ta' Jannar kellhom laqgħa mal-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart. Fuq l-aġenda ta' din il-laqgħa kien hemm l-ittra min-naħa tal-Wasteserv, dwar in-nuqqasijiet fir-rimi tal-iskart organiku fil-faċilità tal-istess Wasteserv f'Sant Antnin, bejn Jannar u Novembru 2019. Bħala Kunsill, dan kollu sirna nfurmati dwaru minn din l-istess korrispondenza mibgħuta mill-Wasteserv. |
| 12.3.8 | Fl-24 ta'Jannar saret laqgħa bejn is-Sindku u Deputat Segretarju Eżekuttiv flimkien mal-ħaddiema assenjati tal-Kunsill. Dan sabiex ninfurmahom dwar it-tqassim tal-*vacation leave* għal din is-sena u l-użu tal-van u wkoll dwar il-proċedura ta' kif jibda jinxtara l-fuel. |
| 12.3.9 | Saret laqgħa ma' rappreżentanti mill-Ministeru tat-Turiżmu rigward l-aħħar żvillupi dwar il-monti ta' nhar ta' Ħadd. Dwar din il-laqgħa kienu nfurmati l-Kunsilliera kollha. Attendew għal dan il-*meeting* kienu s-Sindku Steven Grech, l-Viċi Sindku Elenia Desira u l-Kunsillier Stephen Caruana flimkien mad-Deputat Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsilliera Janice Chetcuti u Daniel Zerafa ġew skużati. |
| 12.3.10 | Is-Sindku flimkien mad-Deputat Segretarju Eżekuttiv u l-Assistent Prinċipal żaru l-bandli ta' Ġnien il-Familja flimkien mal-Kuntrattur li għamel ix-xogħol tal-bandli flimkien ma' rappreżentant mill-MCCAA. Dan sabiex jiġu mwieġba diversi mistoqsijiet dwar ir-rapport li sar mill-MCCAA fuq il-dan il-bandli. |
| 12.3.11 | Saret laqgħa bejn is Sindku, rappreżentant mill-MOT, l-avukat u rappreżentant mid-Departiment tat-Trade ma` tal-monti rigward l-ittri li rċivejna bl-avukat. |
| 12.3.12 | Is-Sindku qal li fit-30 ta' Jannar 2020, fl-uffiċċju tal-Kunsill daħal il-ħaddiem li jkun assenjat mal-latrini jgħajjat u jkellem lill-iskrivani b'arroganza kbira. Fost l-affarijiet li qal li hu semma li mhux ser jaħdem iżjed nhar ta' Ħadd (*overtime*) u li lanqas mhu lest li jqassam l-avviżi konnesi mal-monti. Dan għaliex skond hu ma tħallasx tal-*overtime* ta' matul ix-xahar ta' Diċembru 2019. |

| | |
|---|---|
| | Kif daħal is-Sindku fl-uffiċju u ġie mgħarraf x'kien ġara. Talab lill-iskrivana iccempillu u meta s-Sindku staqsieh x'ġara, hu beda jgħajjat miegħu wkoll. Ġie nfurmat id-Deputat Segretarju Eżekuttiv, li dakinhar ma kienx xogħol, u ttieħdet id-deċiżjoni li tiġi nfurmata l-kumpanija sabiex dan il-ħaddiem ma jibqax assenjat iżjed mal-Kunsill ta' Marsaxlokk minħabba dan l-aġir. L-għada fil-31 ta' Jannar, is-Sindku irċieva telefonata mill-għassa taż-Żejtun, li dan il-ħaddiem kien għamel rapport lis-Sindku l-għassa u kien ser iressqu l-Qorti. |
| 12.3.13 | Is-Sindku ippreżenta *draft* ta' ittra li se tkun qed titqassam lis-sidien tar-restoranti u dawk liċenzjati li hawn f'Marsaxlokk. Dan sabiex issir laqgħa magħhom rigward l-imwejjed u siġġijiet u kif ukoll kull oġġett ieħor li jkun hemm biswit l-istabilliment. Il-Kunsill qabel li ssir din il-laqgħa magħhom. |
| 12.4 | Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri |
| 12.4.1 | Il-Viċi Sindku Elenia Desira kellha dawn il-mistoqsijiet lis-Sindku/Deputat Segretarju Eżekuttiv:<br><br>1: a) *B'referenza għall-board tal-għażla għall-ħatra tas-Segretarju Eżekuttiv tal-kunsill. B'kull rispett lejn il-kollega tiegħi u il-kunsillier magħżul. Fuq liema bazi ġie magħżul biex ikun minflok is-Sindku meta is-Sindku ikun assenti u mhux ħaddieħor?*<br>R: Is-Sindku weġibha li dan kollu ġie diskuss u deċiż fil-laqgħat preċedenti meta hi kienet skużata.<br><br>b) *Jista id-Deputat Segretarju jibgħat email lid-dipartiment jew inkella jikjarifika min legalment jista ikun minflok is-sindku la darba ma ikunx jista jattendi l-interviews ta' l-għazla għall-Segretarju Eżekkutiv?*<br>R: Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv wieġeb lil fil-laqgħat preċedenti l-Kunsill ħatar Bord li jkun magħmul min-żewġ Kunsilliera u wkoll min-nies li huma professjjonisti fuq dan ix-xogħol.<br><br>c) *Għal liema raġuni mhux ser ikun il-kunsill kollu nvolut fuq il-board ta l-għazla tas-Segretarju Eżekuttiv?*<br>R: Is-Sindku qal li diġa ngħatat risposta fil-mistoqsija ta' qabel.<br><br>d) *Fin-norma tal-prattika meta ikun ser issir il-proċess tal-għażla għall-Segretarju Eżekuttiv u il-bord ma ikunx magħmul mill-Kunsilliera kollha tal-lokal. Il-Kunsill li jokkupa il-maġġoranzza tas-siggijiet fil-kunsill ikollu iktar rapprezentani fil-board tal-għazla. Għaliex dan mhux qed issir?*<br>R: Is-Sindku wieġeb li jekk trid hi tista tkun fil-Bord tal-għażla għas-sejħa li jmiss. Is-Sa. Desira aċċettat dan l-irwol. Għalhekk il-Bord tal-għażla se jkun iffurmat mis-Sindku Steven Grech, il-Viċi Sindku Elenia Desira u l-Kunsilliera Dr. Janice Chetcuti flimkien ma' tlett persuni tekniċi oħra. |
| 12.4.2 | Il-Kunsilliera Janice Chetcuti kellha dawn il-mistoqsijiet lis-Sindku/Deputat Segretarju Eżekuttiv:<br><br>Nixtieq nistaqsi xi mistoqsijiet rigward l-ittri lill-bejjiegħa tal-Monti:<br>1) *Liema hu d-direttorat ikkonċernat li ltaqa' ma dawn il-bejjiegħa tal-monti?*<br>R: Is-Sindku wieġeb li dejjem kien taħt il-Ministeru tat-Turiżmu. |

<table>
<tr><td></td><td>

2) *Kif dawn kellhom aċċess għall-letterhead tal-Kunsill Lokali tagħna?*
R: Is-Sindku wieġeb li l-ewwel ittra ntbgħatet fi żmien il-Kunsill preċedenti kienet ukoll bil- *letterhead* tal-Kunsill.

3) *Għalfejn intuza letterhead tagħna u mhux tad-direttorat ikkonċernat*?
R: Is-Sindku wieġeb li l-monti għadu jaqà f'idejn il-Kunsill u li l-avukat mill-Ministeru, offra li jiktibha hu.

4) *B'liema tip ta' dritt qed jingħad li l-Kunsill tagħna ddiskuta u ddeċieda meta aħna bħala Kunsilliera ddeċidejna li la qatt ma pparteċipajna f' dan il-proċess allura ma rridux li niġu kwotata fid-deċiżjonijiet?*
R: Is-Sindku wieġeb li hu kompla għaddej bl-istess pjanijiet li kien hemm qabel.

5) *La għandhom data huma ta' kulħadd għalfejn qed jitfgħu dan il-burden fuq il-Ħaddiema tagħna li diġa qiegħdin under staffed etc...*
R: Is-Sindku wieġeb li l-ebda persuna mill-istaff ma kien b'xi mod involut f'dan ix-xogħol.

</td></tr>
<tr><td>12.5</td><td>Rapporti</td></tr>
<tr><td></td><td>

- Permezz ta' korrispondenza datata 16 ta' Jannar 2020 mingħand Transport Malta, fejn ġejna nfurmati li bħala Kunsill irridu nagħmlu 10 metri *double yellow line* fi Triq Arżnell kif iddur minn Triq il-Kavallerizza u kif ukoll 2 metri fuq naħa u metru naħa oħra fi Triq Arżnell biswit garage. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill irid ikun jaf mingħand Transport Malta għala ġie deċiż li jsiru 2 metri fuq naħa meta s-soltu jsiru metru fuq kull naħa.

- *Il-ħin huwa l-5.31pm u l-laqgħa ġiet sospiża, minħabba li resident xtaq jitkellem.*
  ---------------------------------------------------------------------------------------------------
- *Il-ħin huwa l-5.40pm u l-laqgħa tkompliet.*

- Permezz ta' korrispondenza datata 2 ta' Frar 2020 mingħand Marsaxlokk Heritage fejn dawn talbu lill-Kunsill sabiex isiru 1,400 *photocopy* t'ittra mill-Kunsill. Wara diskussjoni libera l-Kunsill qabel uninament li dawn ma jsirux mill-Kunsill. Is-Sindku fakkar li matul is-sena li għaddiet kellna rapport minn għaqda li tieħu sehem fil-Festa, fejn din l-għaqda irraportat lill-Kunsill Lokali mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali li il-Kunsill ma jgħinx u jikkopera mal-għaqdiet bl-istess mod. Dan wara li dawn talbu flus (*sponsor*) għall-attività li kienu se jorganizzaw bi qliegħ u li l-Kunsill ma kienx aċċetta. Għalhekk issa ġie deċiż li l-ebda għaqda ma tingħata għajnuna b'dan il-mod.

- *Il-ħin huwa l-5.44pm u l-laqgħa ġiet sospiża, minħabba li resident xtaq jitkellem.*
  ---------------------------------------------------------------------------------------------------
- *Il-ħin huwa l-6.12pm u l-laqgħa tkompliet.*

- Permezz ta' żewġ korrispondenzi separati datati 2 ta' Frar 2020 mingħand il-Perit imqabbad minn Marsaxlokk Heritage, u oħra datata 31 ta' Jannar 2020 mingħand l-iskultur tal-monument għas-sajjieda mejtin. Dawn qed jitolbu lill-Kunsill sabiex jaraw fejn se jkun il-post eżatt fejn jitpogga dan il-monument. Wara diskussjoni bejn dawk preżenti,il-Kunsill fis-seduta preċedenti

</td></tr>
</table>

| | |
|---|---|
| | (Jannar 2020) diġa kien qabel li dan għandu jsir fiz-zona tal-Magħluq fejn ġejja riġenarata. La jkollna l-pjanta finali f'idejna naraw bejnietna kollha fejn hu l-aħjar li jsir dan il-monument propost.<br><br>- Permezz ta' talba mingħand sid ta' restorant fiż-żona tal-Magħluq fejn dan qed jitlob li jibda jinħariġlu permess sabiex joħroġ l-imwejjed u siġġijiet barra fit-triq f'żona fejn jipparkjaw il-vetturi. Wara diskussjoni il-Kunsill qabel li dan il-permess ma jingħatax għax nkunu qed nitilfu mill-postijiet għall-parkeġġ kif ukoll nkunu qed nagħtu preċedent lil dan l-istabilliment fuq oħrajn.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata 5 ta' Frar 2020 mingħand individwu li wera l-interess li jibda jieħu ħsieb il-latrini tal-Magħluq. It-talba hi li hu jibda jieħu ħsieb dawn il-latrini mingħajr ħlas mill-Kunsill u li l-Kunsill ikollu biss l-ispejjeż ta' manutenzzjoni. Il-Kunsill qabel li ninfurmaw bil-miktub lil dan is-Sinjur, li l-Kunsill jiringrazzjah tal-interess tiegħu, imma bħalissa ninsabu f'diskussjonijiet li fix-xhur li ġejjin il-latrini pubbliċi li huma f'żoni turistiċi se jaqgħu taħt il-fondazzjoni FTZD.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata 3 ta' Frar 2020, id-Deputat Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera kollha li nhar l-Erbgħa 12 ta' Frar fis-1:00pm se ssir laqgħa mal-Kuntrattur tal-iskart u l-avukat tiegħu. Minn-naħa tagħna se nkellmu lill-Avukat tal-Kunsill fuq din il-materja sabiex dakinhar ikun huwa wkoll preżenti.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata 31 ta' Jannar 2020 mingħand residenta fi Triq Cadeo, fejn din qed titlob sabiex il-Kunsill jagħmel tibdil fil-bankina eżistenti ħalli tkun tista tibda idaħħal il-vettura tagħha fil-garage. Il-Kunsill iddeċieda li l-arrangamenti sabiex iddaħal il-vettrura fil-garag trid issir mis-sid u mhux mill-Kunsill.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata 31 ta' Jannar 2020 mingħand il-Viċi Sindku Elenia Desira, fejn qed titlob sabiex hi f'isem il-Kunsill Lokali torganizza ħarga kulturali għall-Muża nhar id-9 ta' Marzu. Il-Kunsill qabel unninament ma' din l-inizjattiva. L-amminstarzzjoni se tieħu ħsieb li tiġbor l-istimi għat-trasport għal dakinhar.<br><br>- Permezz ta' Ċirkulari SPI 1/2020 datata 31 ta' Jannar 2020, sabiex jiġu offruti korsijiet ta' taħriġ mad-Direttorat għar-Riċerka, Tagħlim Tul il-Ħajja u Impjegabilita` minn Ottubru 2020. Il-Kunsill qabel li nipparteċipaw f'din inizzjativa u li l-Kunsilliera Dr. Janice Chetcuti se tkun qed tikkordinaha mad-Deputat Segretarju Eżekuttiv u l-Assistent Prinċipal.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata 30 ta' Jannar 2020 mingħand id-Dipartiment tas-Sajd sabiex nattendu għall-*meeting* bejn l-*stake holders* fit-Torri San Luċjan rigward it-trobbija tal-ħut etc. Il-Kunsill qabel li l-Kunsillier Stephen Caruana jattendi għal din il-laqgħa.<br><br>- Permezz ta' talba mingħand residenta li toqgħod fi Triq il-Luzzu sabiex issir *Communal Reserved Parking bay* f'din it-triq. Il-Kunsill qabel li jitkellem ma` Transport Malta fuq din il-proposta.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata 24 ta' Jannar 2020 mingħand ir-Reġjun Xlokk, fejn dawn infurmawna li l-*Black Twin Bins* waslu r-Reġjun u li jistgħu jinġabru. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsilliera preżenti fuq Regolament dwar l-Akkwist Pubbliku (L.S. 601.03) u |

| | |
|---|---|
| | sub-regolament 100 (1) fl-istess regolament. Wara diskussjoni libera u twila l-Kunsill tal-fehma li għal dan il-każ jinjora dan ir-regolament u li b'ħames voti favur u xejn kontra, ddeċieda li jakkwista dawn il-*Black Twin Bins.*<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata 20 ta' Jannar 2020 mingħand MTA, dawn qed jaqblu mal-proposta jagħtuna ħlas addizjonali sabiex nhar ta' Tlieta jkun jista jsir tindif iżjed frekwenti min dak li qed issir fil-preżent.<br><br>- Email mingħand il-MEUSAC fejn dawn qed jistaqsu lill-Kunsill Lokali jekk hux interessat sabiex jassistuna għall-fondi Ewropej maħruġa mill-GALXlokk. Is-Sindku qal li wara laqgħa li kellu mar-Reġjun Xlokk, dan infurmahom li l-istess Reġjun għandhu konsulent rigward il-fondi Ewropej. Se nieħdu ħsieb li fil-ġimgħat li ġejjin nagħmlu laqgħa flimkien miegħu.<br><br>- Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera li fil-ġranet li ġejjin se terġa tinħareġ mill-ġdid il-vakanza għal Segretarju Eżekuttiv.<br><br>- Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera li rċievejna kopja tal-ftehim bejn il-Kunsill Lokali u l-Wasteserv għall-ġbir tal-borża organika. Dan hu għas-sena 2020 u li fih hemm il-ħlas tar-revużjoni li ningħataw mill-Wasteserv u l-obbligi tagħna u l-kuntrattur.<br><br>- Permezz ta' żewġ ittri separtati mill-ERA, il-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk ġie nfurmat li għandu żewġ multi dwar qtugħ ta' siġar mingħajr il-permessi neċċesarji. Dawn l-ammonti huma ta €4,000 u ieħor ta' €2,400. Is-Sindku kien diġa ħa responsabilità għal dan il-qtugħ u kellem l-avukat tiegħu. Sal-laqgħa kien għadu ma rċieva xejn bil-miktub mingħandu. Se jieħu ħsieb li dan il-każ jiġi solvut mill-aktar fis.<br><br>- Email mibgħuta mill-Koperattiva Nazzjonali tas-Sajd rigward uffiċċju li qed jinbena f'Xatt is-Sajjieda quddiem it-Torri Vendome mal-baħar. Il-Kunsill xtaq jiġbed l-attenzjoni u qed joġġezzjona li dan l-uffiċċju qed jinbena mhux skond kif kien ippjanat li jsir. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv se jieħu ħsieb jibgħat lill-Planning Authority fuq dan il-każ.<br><br>- Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill Lokali, l-avviżi ppublikati fil-Gazzetta tal-Gvern mill-Awotità tal-Ippjanar, għall-żviluppi f'Marsaxlokk bin-numri:<br><br>PA/000591/20, PC/131/18, PA/02213/19, PA/07603/19, PA/00209/20, PA/00211/20, PA/01103/18, PA/00317/20, PA/01137/18, PA/06762/19, PA/07545/19, RG/03220/19, PA/00093/20, PA/00149/20, RG/02124/19, EC/00153/19.<br><br>Ġie deċiż li nibgħatu l-oġġezzjoni tagħna għal PC/131/18 minħabba li l-Kunsill ma jaqbilx li *Road Alignment* jiċċaqlaq minn kif inhu fil-preżent.<br><br>- *Il-ħin huwa s-7.11pm u l-laqgħa ġiet sospiża, minħabba li residenti xtaqu jitkellem.*<br>----------------------------------------------------------------------------------------------------<br>- *Il-ħin huwa is-7.27pm u l-laqgħa tkompliet.* |

| | |
|---|---|
| | - Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill li PA/01125/18 kien hemm tibdil fil-pjanti. Saret diskussjoni twila bejn dawk preżenti fejn ġie maqbul li nhar il-Erbgħa 12 ta' Frar f'12:00 issir laqgħa ma 3 rappreżentanti minn Triq Port Ruman sabiex nisimgħu l-opinjoni tagħhom fuq din il-materja. Se ninformaw ukoll lill-Avukat tal-Kunsill sabiex ikun jista jassistina u jgħatina pariri legali wkoll.<br><br>- Il-Kunsillier Daniel Zerafa wkoll ressaq għall-attenzzjoni tall-Kunsill li x-xogħol fi Triq Dellimara nbeda mill-WSC. Għamel ukoll referenza għal PA/10400/17 sabiex nibgħatu lil Awtorità tal-Artijiet sabiex tistabilixi l-allinjament tat-Triq.<br><br>- Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill kopja tal-*agreement* għas-servizz professjonali fuq is-sistema tal-IT tal-Kunsill għal din is-sena. Matul is-sena l-oħra kellna servizz tajjeb u għalhekk il-Kunsill qabel li nġeddu dan is-servizz mill-ġdid.<br>- Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv, kif kien mitlub fl-aħħar seduta, ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill kopja tal-ispejjeż li saru s'issa fuq it-tiswijiet tal-binja tal-Kunsill.<br><br>- Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill li din irridu nsibu data għall-laqgħa annwali. Din m'għandix taqbeż il-15 t'April. Il-Kunsill qabel li l-Laqgħa Annwali għanda ssir Il-Ħamis 2 t'April 2020. |
| 12.6 | Mozzjonijiet |
| 12.6.1 | Ma kienx hemm. |
| 12.7 | Kuntratt tal-Latrini Pubbliċi |
| 11.7.1 | - Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill kopja tal-kuntratt tal-latrini pubbliċi. Dan il-kuntratt hu validu sa massimu ta' erba` snin u li dan irid jiġi mġedded kull sena. L-ewwel sena tiegħu se tiskadi fl-1 t'April 2020. Il-Kunsill qabel uninament li nġeddu dan il-kuntratt u nidħlu għat-tieni sena tiegħu. |
| 12.8 | *Quarterly Report (October – December 2019)* |
| 12.8.1 | Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ressaq kopja tal-*Quarterly Report* ta' bejn Ottubru u Diċembru 2019. Il-Kunsill approva dan ir-rapport uninament. |
| 12.9 | *Financial Statements for year ending 31st December 2019* |
| 12.9.1 | Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ressaq kopja tal-*Financial Statements* tas-sena 2019, ppreparat mill-Accountant tal-Kunsill. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv faħħar il-mod ta' kif opera l-Kunsill matul is-sena l-oħra u rringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv preċedenti tax-xogħol siewi li għamlet. Il-Kunsill approva dan ir-rapport uninament. Il-Kunsill approva dan ir-rapport uninament. |

| | |
|---|---|
| 12.10 | CCTV's f'Marsaxlokk |
| 12.10.1 | Hekk kif kien maqbul fl-aħħar seduta, il-Kunsilliera kienu mistiedna sabiex jippreżentaw il-ħsibijiet tagħhom ta' fejn hu fl-opinjoni tagħhom li jsiru diversi CCTV's f'Marsaxlokk. Dan sabiex inkunu nistgħu nħejju rapport minħabba l-protezzjoni tad-data. Wara li saret diskussjoni tnizżlu l-postijiet hekk kif maqbul bejn dawk preżenti.<br><br>- *Il-ħin huwa t-8.00pm u l-Kunsilliera Dr.Janice Chetcuti talbet sabiex tiġi skużata mill-laqgħa. Il-Kunsill qabel li tiġi skużata.* |
| 12.11 | Jum Marsaxlokk 2020 |
| 12.11.1 | Din is-sena Jum Marsaxlokk se jsir nhar il-Ħadd 26 t'April 2020. Daniel Zerafa, l-Kunsillier responsabbli u nkarigat mill-Kultura u l-attivitajiet, se jieħu ħsieb li għas-seduti li jmiss jaħseb u jtella' programm, ħalli jkun jista jiġi diskuss bejn il-Kunsill. Għas-snin li ġejjin f'każ li l-Kunsill jkun jixtieq li jbiddel il-ġurnata, din tkun trid issir qabel ma jibda ix-xahar t'Ottubru. Dan sabiex tkun tista tiġi mniżżla b'mod korrett fuq il-Kalendarju li jippublika l-Kunsill kull sena. |
| 12.12 | Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti |
| 12.12.1 | Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' pagamenti (Skeda nru.2/20) għall-approvazzjoni. |
| 12.10.2 | Fuq mozzjoni tas-Sa. Elenia Desira, issekondata mis-Sur Daniel Zerafa, Il-Kunsill Lokali unanimament approva l-lista li hi anessa u li tifforma parti minn dawn il-minuti. |
| 12.12.3 | Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali il-lista ta' *petty cash* maħruġ għall-aħħar parti tax-xahar ta' Jannar 2020 għall-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali. |
| 12.13 | Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss |
| 12.13.1 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali ntemmet fit-8:45pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda, u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 2 ta' Marzu 2020, fl-4.00pm. |

Konfermati, illum 2 ta' Marzu 2020.

IFFIRMATA

IFFIRMATA

________________________

Steven Grech
*Sindku*

________________________

Jordy Brincat
*Deputat Segretarju Eżekuttiv*